

# Salvatore Magrin

## 1763–1848

## *Maestro di Cappella* tal-Kolleġġjata ta' Bormla

**Dr Simon Mercieca**

Il-wirt materjali ta' pajjiżna hu wieħed mill-aspetti li l-aktar jidhru f'dik li hija l-kultura popolari minħabba li huwa jgawdi minn viżibilità. Biss hemm ukoll wirt ieħor li jidher ftit inqas. Dan hu l-wirt immaterjali, jiġifieri dak il-wirt li jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra, bħalma hu t-tagħlim ta' xi sengħa li missier jgħaddi lil ibnu, l-artiġjan lill-apprentist. Il-mużika wkoll hi meqjusa bħala parti minn dan il-wirt immaterjali. In-noti fuq il-karti ma jfissru xejn għal ħafna nies. Biss meta din il-kitba tinqara mill-ftit, u dawn in-noti jibdew jindaqqu, dawn isiru jfissru ħafna u jekk il-kompożizzjoni tkun waħda tajba, tkun kapaċi tqajjem l-emozzjonijiet moħbija fis-semmiegħa.

Il-knisja ta' Bormla hija ffortunata li għandha patrimonju mużikali għani ħafna. Dan l-arkivju mużikali jidher li hu qadim ħafna u probabbli li ġie kkreat minn xi wieħed mill-maestri di cappella tagħha. Imbagħad, maestri di cappella ta' wara komplew iżidu biċċiet mużikali oħra, xogħlijiet minn tagħhom f'dan l-arkivju. Hemm probabbiltà qawwija li dan il-patrimonju, ġie mwaqqaf minn Fra Salvatore Magrin, meta l-mużika tiegħu għaddiet lill-parroċċa ta' Bormla. Jekk dan l-arkivju kien diġà jeżisti, allura Magrin kompla għanieh. Wara Magrin dan l-arkivju jidher li ftit li xejn kellu żieda ta' mużika ġdida.

Salvatore Magrin twieled Bormla nhar it-3 ta' Jannar 1763 minn Giovanni Magrin u Flora. Hu ġie mgħammed minn Don Michael Angelus Farrugia li kien il-viċi parroku ta' Bormla f'dik il-ħabta. Il-kappillan f'dan iż-żmien kien Don Antonio Muscat. Ingħata l-isem ta' Geronimo, Ġwakkin u Salvatore. Il-patrini tiegħu kienu Benedictus Mifsud bin il-mejjet Geronimo u Apollonia, li kienet il-mara ta' Vincenzo Mifsud. Dawn it-tnejn kienu minn Bormla (AOM 5250, f. 238r). Kif kienet il-prassi f'dik il-ħabta, it-tarbija mhux bil-fors kienet tkun magħrufa mill-ewwel isem mogħti lilha fil-magħmudija iżda



*Deskrizzjoni tal-Magħmudija*

setgħet tissejjaħ minn kwalunkwe wieħed mill-ismijiet li jingħatawlha. Din id-deċiżjoni tal-għażla ta' kif kienet se tkun magħrufa t-tarbija fil-ħajja ta' kuljum kienet issir mill-ġenituri, probabbilment mill-omm, wara l-magħmudija nnifisha, minn fost l-ismijiet mogħtija. Ir-raġuni għal dan kienet li ħafna drabi l-omm ma kinetx tkun tista' tattendi għall-magħmudija minħabba l-istat ta' saħħitha wara li tiled. Il-magħmudija kienet issir fil-knisja fl-istess ġurnata tat-twelid tat-tarbija jew fil-jum jew jiem immedjatament ta' wara. Għalhekk, it-tarbija kienu jtellgħuha fil-fonti tal-magħmudija l-parrini u l-qabla. Il-qabla kienet tagħti l-isem li tkun trid l-omm waqt li l-parrini kellhom id-dritt, kif għadu jsir sal-lum li jagħtu isem lit-tarbija. Ma hemmx dubju li fil-każ ta' Salvatore Magrin, il-parrinu ta isem missieru lil din it-tarbija u dan tniżżel l-ewwel wieħed fl-att tal-magħmudija. F'dan il-każ, l-isem magħżul mill-ġenituri, jew aħjar mill-omm tniżżel l-aħħar wieħed. Biss xorta waħda, anki jekk tniżżel l-aħħar, it-tifel beda jiġi magħruf b'dak l-isem li jkunu għażlu l-ġenituri rrispettivament b'liema ordni tniżżel fir-reġistru tal-magħmudija.

In-nannu matern ta' Salvatore Magrin kien mill-Birgu. Dan kien jismu Giovanni Bonnici u żżewweġ nhar id-9 ta' Frar 1721 lil Miriam Gambin bint il-mejjet Ambrogio Gambin u Flora. Il-familja tal-mara kienet minn Ħal Qormi. Giovanni Bonnici kien bin Giovanni Domenico Bonnici u Grazia. Meta Giovanni żżewweġ lil Flora, hu mar joqgħod fir-raħal tal-mara tiegħu. Fit-30 ta' Settembru 1733, ġo Ħal Qormi stess, insibu li Giovanni Bonnici u martu Margherita (wieħed jinnota li l-isem tal-mara issa nbidel, iżda l-atti qed jirreferu għall-istess persuna li fiż-żwieġ kienet imsejħa Maria) kellhom tifla li ssemmiet Honorata u Flora. (AOM 5250, f. 239r) Din ġiet imsemmija għan-nanna u kien b'dak l-aħħar isem li omm Salvatore Magrin baqgħet magħrufa.

Imbagħad fit-6 ta' April 1728, insibu ż-żwiġijiet tan-nanniet paterni ta' Salvatore Magrin. Aloisio Magri, li kien jiġi bin Benedetto Magri u Magdalena, iżżewweġ lil Antonia, li kienet it-tifla ta' Giuseppe Mamo u Maria. Giuseppe Mamo u Maria kienu minn Ħal Qormi wkoll waqt li Aloisio Magri kien minn Ħal Għaxaq. (AOM 5250 f. 239r) Din il-koppja ġdida, jiġifieri Aloisio Magri u Antonia kienu ddeċidew li wara ż-żwieġ, li kien sar Ħal Qormi, imorru joqogħdu f'Bormla. F'Bormla huma kellhom, fost l-oħrajn, tifel li twieled nhar 23 ta' Ġunju 1730. Dan semmewh Joannes, Rafael u Crisostamus. Hu tgħammed dakinhar stess li twieled. Għammdu l-kappillan ta' Bormla, Joannes Crisostamus Crispo. Jidher li l-ġenituri kellhom rispett speċjali lejn dan il-kappillan għaliex fost l-ismijiet li għażlu kien hemm dak tal-isem tal-istess kappillan. Kien ġewwa Bormla, li din il-familja tibda tkun magħrufa bħala Magrin. F'Ħal Għaxaq, il-familja tal-missier kienet magħrufa bħala Magri (AOM 5250 f.239v)

Imbagħad kien imiss iż-żwieġ tal-ġenituri ta' Salvatore Magrin. Giovanni Magrin u Florinda Bonnici jiżżewġu nhar il-15 ta' Ġunju 1755. Żewwiġhom il-viċi-parroku, Don Antonio Mizzi. Il-quddiesa u l-benedizzjoni, (li f'dan iż-żmien kienet ċerimonja apparti u ma kinetx issir mar-rit tas-sagrament taż-żwieġ), għamilha qassis mill-Isla, Don Joseph Gambin. Ma hemmx dubju, kif jixhed kunjomu li dan kien jiġi minn Florinda Bonnici. (AOM 5250, f.239v).

Magrin kien iffortunat li għex f'Bormla fl-aktar żmien tad-deheb f'dik li kellha x'taqsam il-mużika f'din il-knisja parrokkjali u kellu bħala surmast tiegħu lil Michael Angelo Vella. Fi żmien meta kien diffiċli li wieħed jippubblika xi ħaġa, għal diversi raġunijiet, fosthom għax ir-riżorsi kienu limitati, kien hemm il-limitazzjoni tal-fatt

li Malta kienet gżira żgħira u d-diffikultà tal-istampa, xogħlijiet u kompożizzjonijiet mużikali ta' dan il-maestro di cappella ta' Bormla, li għex f'nofs is-seklu tmintax, kienu qed ikunu ppubblikati ġewwa l-Belt ta' Pariġi fi Franza. Magrin ħasad il-frott li żara' Vella. Minn Vella 'l quddiem, mhux kulħadd seta' jieħu ħsieb il-mużika ġewwa Bormla. Min kien jiġi appuntat maestro di cappella kellu jkun bniedem ta' kapaċitajiet kbar mużikali u mistenni li kien mar qabel jistudja l-mużika barra minn Malta, fil-konservatorji l-aktar imfittxija għat-tagħlim tal-mużika f'dawk iż-żminijiet. Wieħed mill-aktar ċentri importanti għall-mużika kien dak ta' Napli. Magrin stess mar aktar minn darba Napli biex jipperfezzjona t-talenti mużikali tiegħu.

F'nofs is-seklu tmintax, il-prokuraturi tal-knisja ta' Bormla, li kienu magħmulin minn lajċi u qassisin tal-parroċċa ħadu d-deċiżjoni għaqlija li jdawru l-knisja tagħhom f'ċentru importanti mużikali. Litteralment, il-knisja ta' Bormla ssir skola tal-mużika. Wara li kien il-maestro di cappella ta' Bormla, Don Fortunato de Marco, li kien jiġi z-ziju tal-famuż kirurgu Giuseppe De Marco, dawn il-prokuraturi bdew jaħdmu biex jappuntaw lill-qassis, Michael Angelo Vella bħala l-maestro di cappella ġdid tal-knisja tagħhom. Michael Angelo Vella kien sa dak il-mument qed iservi bħala qassis ġewwa l-Isla, belt twelidu. Hu kien mar jistudja l-mużika f'Napli.


Dr. Giuseppe De Marco

Wara li Vella ġie appuntat maestro di cappella, hu mar joqgħod f'Bormla u sar wieħed mill-qassisn regolari ta' din il-parroċċa. Bħala maestro di cappella hu sab sitwazzjoni ħażina ħafna f'dik li kienet mużika fil-parroċċa ta' Bormla. Is-settur tal-mużika f'din il-knisja kien batut u kien punt ta' kritika kontinwa mill-isqfijiet tas-seklu tmintax waqt il-viżti pastorali tagħhom.

Vella qaleb is-sitwazzjoni ta' taħt fuq. Fi żmienu kien ġie rranġat l-orgni l-antik, li kien xogħol ta' Turiglio. Dan kien jinsab fuq il-bieb prinċipali. Bdiet issirlu l-manutenzjoni meħtieġa b'mod regolari ħalli jdoqq kif suppost. Sar ukoll orgni żgħir ieħor, magħruf bħala *regaletto* u aktar tard inxtara orgni ieħor protalite, imsejjaħ ukoll Ottavino, mingħand Santucci. Dan l-aħħar orgni għadu jeżisti u llum qed ikun restawrat grazzi għall-ġenerożità tal-APS Bank u ċ-*chairman* tal-istess bank, il-Professur Lino Delia. Dan l-orgni kien sar ħalli Vella jużah bħala strument ta' akkumpanjament mal-orkestra tiegħu.


Dun Mikiel Anġ Vella

Vella wkoll ħa ħsieb iwaqqaf skola tal-mużika ġewwa Bormla. Hu beda jgħallem l-allievi kemm l-armonija kif ukoll id-daqq, fosthom dak tal-orgni u l-istrumenti tal-korda. Matul dan il-perjodu f'Bormla kien hawn ukoll orkestra żgħira tagħti s-servizzi fil-knisja. Vella beda anki jikkomponi mużika għaliha.

Kien hawnhekk fejn jidħol fix-xena Salvatore

Magrin. Hu beda bħala student ta' Vella, jitgħallem għandu l-prinċipji tal-grammatika mużikali u wkoll id-daqq tal-orgni. Ta' età żgħira, Magrin ħass il-ġibda għall-vokazzjoni saċerdotali u daħal is-seminarju u ħa l-ewwel ordnijiet fl-età ta' ħdax-il sena. Jidher iżda li matul dan il-perjodu ta' tħejjija saċerdotali, Magrin biddel il-fehma tiegħu u għażel li jidħol membru reliġjuż tal-Ordni ta' San Ġwann. Hu kien aċċettat mill-Gran Mastru De Rohan bħala kappillan tal-obbidjenza fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann fl-1793. (AOM 5250, f. 234r). Il-proċess tiegħu biex jidħol membru fl-Ordni ħadu ħsiebu żewġ Kappillani tal-Obbidjenza, Joannes Dominicis Barbaro u Emmanuel Casha. Dawn kienu mil-Lingwa ta' Franza. (AOM 5250, f. 236r). Il-kummissjoni spiċċat xogħlha fil-11 ta' Frar 1793. Fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann, Magrin kien jaqa' taħt din il-fergħa, jew lingwa, ta' Franza. Imbagħad fil-25 ta' Frar 1794, hu laħaq Kappillan Konventwali. Dan kien ifisser li hu kien sar qassis tal-Ordni ta' San Ġwann u xogħlu kien li jservi fil-quddies u servizzi oħra reliġjużi li kienu jsiru ġewwa l-knisja ta' San Ġwann il-Belt jew fil-knejjes u kappelel li l-Ordni tal-Kavallieri kellu mxerrda ma' Malta u Għawdex.

Sadanittant, permezz tal-għajnuna u l-kuntatti li kellu Vella ma' istituzzjonijiet tal-mużika f'Napli, Magrin kien mar jistudja l-mużika f'din il-belt. F'dan il-perjodu, Napli kienet iċ-ċentru dinji f'dak li kellu x'jaqsam mat-tagħlim tal-mużika. Vella kien iqis lil Magrin bħala wieħed mill-aħjar studenti tiegħu, u denju tal-bakketta mużikali tiegħu. Tant kemm kien tajjeb, li Vella nnifsu talab u approva li Salvatore Magrin jissuċċedih bħala maestro di cappella f'Bormla wara mewtu. Matul ħajtu Vella kien iħeġġeġ lil Magrin biex jikteb lill-kurja ħalli jingħata d-dritt tas-suċċessjoni bħala maestro di cappella f'din il-knisja ta' Bormla. Matul il-perjodu li Vella serva ta' maestro di cappella, Magrin kien jaqdih bħala organista u ġieli kien ukoll jagħmila ta' surmast fl-istess knisja meta Vella kien ikun indispost minħabba saħħtu. Vella miet nhar il-Milied tal-1792. Fl-ewwel jiem ta' Jannar, Magrin kien ġie mogħti s-suċċessjoni awtomatika ta' surmast tal-knisja ta' Bormla. Magrin dam ħafna snin surmast ta' din il-knisja, jiġifieri mill-1793 sakemm miet fl-1848.

Matul dan il-perijodu, Magrin kien responsabbli kemm mill-orkestra u l-mużika iżda wkoll kellu d-dover, bħalma kien jiġri minn kull min kien jokkupa din il-kariga, biex jikkomponi numru ta' xogħlijiet ġodda mużikali għal waqt il-funzjonijiet tal-knisja ta' Bormla. Uħud minn dawn ix-xogħlijiet għadhom jeżistu fl-arkivju ta' din l-istess knisja. Fost l-aktar xogħlijiet li hu baqa' magħruf għalihom kien hemm il-mużika li hu kien kiteb biex tindaqq matul il-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira. Hu kiteb ukoll xogħlijiet oħra bħalma huma Messa di Gloria, jiġifieri mużika għall-quddiesa li fiha biss il-*Kyrie* u l-*Gloria* kantati. Hu għamel ukoll mużika għat-talb tal-lawdi u l-għasar, b'mod partikolari s-salmi li kienu jitkantaw fil-lejl tal-vġili tal-Kunċizzjoni magħrufa bħala n-*Notturni*.

Insibu ġewwa Bormla, mill-inqas 22 biċċa xogħol ta' Magrin. Fost il-ħafna xogħlijiet tiegħu nsibu dawn li ġejjin:

1. Mus Ms. 19, Fr Salvatore Magrin, *Messa in Befà* (1834), Erba' partijiet, vjolini, flawt, obwe u klarinett, trumbun, kurunetta, orgni u kontrabaxx.
2. Mus Ms. 20, Fr Salvatore Magrin, *Messa dei Morti* (1798). Vuċijiet u strumenti.
3. Mus Ms. 21, Fr Salvatore Magrin, *Dies Irae* (1803). Vuċijiet u strumenti.
4. Mus Ms. 22, Fr Salvatore Magrin, *Subvenite* (1829). Vuċijiet u strumenti.
5. Mus Ms. 23, Fr Salvatore Magrin, *Dominie ad adiuvandum* (1846). Vuċijiet u strumenti.

6. Mus Ms. 24, Fr Salvatore Magrin, *Dixit* (1829). Vuċijiet u strumenti.
7. Mus Ms. 25, Fr Salvatore Magrin, *Dixit* (1804). Vuċijiet u strumenti.
8. Mus Ms. 26, Fr Salvatore Magrin, *Laudate Pueri*. Vuċijiet u strumenti.
9. Mus Ms. 27, Fr Salvatore Magrin, *Responsori per la domenica delle Palme* Partitura.
10. Mus Ms. 28, Fr Salvatore Magrin, *Responsori della settimana Santa Mercoledi* (1812). Partitura.
11. Mus Ms. 29, Fr Salvatore Magrin, *Responsori della settimana Santa Mercoledi* (1848). Partitura.
12. Mus Ms. 30, Fr Salvatore Magrin, *Responsori della settimana Santa Giovedi* (1815). Partitura.
13. Mus Ms. 31, Fr Salvatore Magrin, *Responsori della settimana Santa Venerdi* (1813). Partitura.
14. Mus Ms. 32, Fr Salvatore Magrin, *Due lamentazioni del Venerdi Santo*. Partitura.
15. Mus Ms. 33, Fr Salvatore Magrin, *Responsori e motetti: Processione della Settimana Santa* (1793). Partitura.
16. Mus Ms. 34, Fr Salvatore Magrin, *Responsori dell'Immacolata Concezione* (1808). Vuċijiet u strumenti.
17. Mus Ms. 35, Fr Salvatore Magrin, *Responsori per i tre giorni de Pentecoste* (1827). Vuċijiet u strumenti.
18. Mus Ms. 36, Fr Salvatore Magrin, *Responsori dei morti*. Partitura.
19. Mus Ms. 37, Fr Salvatore Magrin, *Invitatorio per i tre giorni di Pentecoste*. Vuċijiet.
20. Mus Ms. 38, Fr Salvatore Magrin, *Orate Coeli* (1825). Vuċijiet.
21. Mus Ms. 39, Fr Salvatore Magrin, *Tantum Ergo* (1790). Partitura.
22. Mus Ms. 40, Fr Salvatore Magrin, *Tantum Ergo* (1798). Partitura.

Fuq kollox Magrin kellu valur ieħor importanti fl-istorja tal-mużika f'Malta. Huwa kien wieħed mill-pijunier li daħħal id-daqq tal-klarinett ġewwa pajjiżna. Matul l-epoka Barokka u dik Klassika, l-aktar strument tal-qasba popolari kien l-obwe. Matul l-aħħar tas-seklu tmintax, isir avvanz fuq il-kompożizzjoni ta' dan l-istrument. Wieħed jista' jqis dan il-perjodu bħala l-bidu veru tal-klarinett. Dan l-istrument jidher li beda jaqbad sew f'Malta matul l-ewwel deċenji tas-seklu dsatax. L-istrument jidher li qabad mill-ewwel, hekk kif daħal f'Malta, tant li ma damx ma beda joqtol id-daqq tal-istrument tal-obwe għal kollox. Fi kliem ieħor beda jeħodlu postu. L-allievi bdew jippreferu jdoqqu l-klarinett mill-obwe li kien jidher aktar primittiv meta kkomparat ma' dan l-istrument ġdid. Kif jgħid il-Malti, musmar ġdid dejjem jaqla' wieħed qadim. Fuq kollox, bħala strument, il-klarinett hu aktar robust u għalhekk seta' jservi aħjar l-iskopijiet ġodda u modi ġodda li bdew deħlin fil-mużika fis-seklu dsatax, jiġifieri l-marċijiet mill-baned.

Magrin jidħol f'dan l-ispirtu ġdid romantiku u beda jikteb numru ta' kompożizzjonijiet fejn jindika li l-partitura tal-obwe tista' anki tindaqq mill-klarinett jew inkella jikkrea żewġ partituri differenti għall-istess biċċa xogħol biex is-surmast ikun jista' jagħżel x'idoqq, jiġifieri jekk ikollu xi problema biex isib daqqaqa tal-obwe seta' jdur fuq dawk tal-klarinett. Magrin beda fuq naħa jagħti spinta lil dan l-istrument ġdid, u fl-istess ħin,

jidher li tant kemm kien qed jaqbad dan l-istrument li beda joħloq problemi ġodda. Issa kien hemm minn kien qed jippreferih aktar mill-obwe. Min-naħa tagħha, il-knisja ta' Bormla kienet pijuniera f'Malta f'dak li kien id-daqq ta' dan l-istrument għal waqt il-funzjonijiet reliġjużi. Wieħed irid jiftakar, li f'dak iż-żmien, ma kienx hemm recordings, u l-mużika setgħet biss titgawda meta esegwita waqt xi *performance* ħaj. Issa ftit kienu dawk il-Maltin li setgħu jmorru t-teatru jew iħallsu biex igawdu l-modi l-ġodda żviluppati fil-mużika fil-kontinent. Il-knisja kellha skop li twassal il-kultura, anki dik imsejħa *alta* lill-foqra. In-nies ta' Bormla kellhom għalhekk il-privileġġ li jibdew jisimgħu d-daqq ta' dan l-istrument ġdid fil-knisja tagħhom qabel knejjes oħra. Għalhekk anki ħafna nies f'Bormla li ma kellhomx flus bdew xorta waħda jkunu esposti għal dan l-istrument ġdid. Ma hemmx dubju għalhekk li Bormla kienet waħda mill-ewlenin postijiet f'pajjiżna li fih beda jindaqq il-klarinett.

Din il-mużika ta' Magrin illum qed terġa' tingħata l-ħajja. Kien proġett mibdi mill-mibki Kanonku Ġużeppi Bonello, meta darba kien ħadni nara l-arkivju rikk tal-knisja ta' Bormla. Dan wassal biex inbeda proġett mid-Diviżjoni tal-Mużika tal-Università ta' Malta biex numru ta' manuskritti mużikali bdew jiġu editjati b'mod professjonali. Fost l-affarijiet li ġew skoperti f'dan l-arkivju, kien hemm din il-mużika ta' dan il-kompożitur Bormliż. Ix-xogħlijiet tiegħu issa saru suġġett ta' numru ta' teżijiet fil-mużika fl-Univeristà ta' Malta.

Fost ix-xogħlijiet li ġew editjati hemm il-*Messa di Gloria* li hu kiteb biex tindaqq fl-Għid il-Kbir ta' 1834. Din il-quddiesa nkitbet in Befà (B Flat) għall-korda, flawt, obwe jew klarinett, trumbun, kurunetta, orgni u kontrabaxx. Din ġiet editjata minn Tancred Grech. Magrin kiteb ukoll ir-risponsorji għall-festa tal-Kunċizzjoni jew aħjar is-salmi li kienu jindaqqu matul il-lejl ta' lejlet il-festa, jew kif kien kienu jsejħulhom in-*Notturni*. Dawn is-salmi ġew editjati mis-soprano brava, Rosabelle Bianchi bħala parti mill-kors li hi għamlet fil-Baċellerat tal-Mużika fl-istess Università ta' Malta. Matul dawn l-aħħar snin, Rita Scicluna, ħadmet fuq numru ta' xogħlijiet ta' dan il-kompożitur li hu kiteb għall-ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira. Dan ix-xogħol sar bħala parti mill-istudji tagħha tal-Maġisteru fil-Mużika fl-Università ta' Malta.

Il-Mużika miktuba minn kompożituri tal-imgħoddi trid tiġi editjata b'mod professjonali jiġifieri miktuba mill-ġdid skont in-notamenti mużikali kontemporanji. It-tifsir tan-notamenti u ċerta terminoloġija użata tas-seklu tmintax u dsatax ma humiex bħal dawk tal-lum. Xi strumenti wżati fil-passat ma għandhomx jintużaw. Xi oħrajn saru rari biex issibhom. F'ċerti każi l-mużika ta' strumenti tkun trid tiġi *transposed* jiġifieri tinbidel jew tinqaleb biex tkun tista' tindaqq fuq l-istrument modern. Strumenti oħra ma għadhomx isiru kif kienu jsiru qabel u għalhekk il-partitura tal-mużika trid ukoll tiġi aġġustata jew editjata ħalli minnha jkunu jistgħu joħorġu l-ħsejjes il-qodma waqt li tinżamm il-morfoloġija tal-kompożizzjoni li jkun għamel il-mużiċist. Xi drabi ntilfu xi partijiet u dawk il-biċċiet mitlufa jkun hemm bżonn li jerġgħu jiġu komposti mill-ġdid mill-professjonista li jkun qed jeditja l-mużika. Dan kollu jitlob teknika professjonali avvanzata ħafna.

Dan kollu juri kemm il-patrimonju immaterjali ta' Bormla huwa għani, iżda minħabba li ħafna drabi, għax dan jikkonsisti f'karti b'noti miktuba, jispiċċa jiġi apprezzat ħafna inqas u xi drabi wkoll jintesa. Biss l-arkivji qegħdin hemm biex jippriservaw l-istorja miktuba. Maż-żmien, dak li jkun maħżun fl-arkivji jerġa' jibda joħroġ bil-mod, u minn

dak li jkun baqa' terġa' tiġi mibnija l-identità mitlufa. Fil-każ ta' Bormla, dan l-arkivju tal-parroċċa ta riskoperta ta' mużika li kienet ilha ma tindaqq 'il fuq minn mitt sena u bħalma hu l-każ ta' Salvatore Magrin, li kien kompożitur minsi, il-mużika tiegħu qed terġa' tibda tieħu l-ħajja u b'hekk qiegħda bil-mod tiġi apprezzata. Illum fl-għeluq **il-mija u sittin** sena minn mewtu, il-mużika ta' dan il-kompożitur qed tkun apprezzata aktar grazzi għax-xogħol professjonali li qed isir fuqha mid-Diviżjoni tal-Mużika tal-Università ta' Malta. Issa, din il-mużika ma għadhiex biss importanti fuq bażi parrokkjali iżda qed issir ukoll fuq dik nazzjonali u internazzjonali.

Dan l-artiklu ġie mibni fuq studju li jien għamilt fuq il-mużika f'Malta fis-seklu tmintax li jismu *Eighteenth – Century Music and its Political Configurations: a largely unknown Chapter in Maltese History*. pp. 127-152. Dan l-artiklu ġie ppubblikat mill-Università prestiġjuża ta' Szegned ġewwa l-Ungerija fil-ġurnal tad-Dipartiment tal-Istorja għall-Istudji tal-Istorja Moderna u dik Mediterranea. L-isem komplet tal-ġurnal hu *Mediterrán Tanulmányok Études sur la Région Méditerranéene, XVII, Université de Szeged*, *Département d'Histoire Moderne et d'Études Méditerranéennes* (Szeged, 2008). Saret ukoll riċerka oriġinali fl-arkivji għal dan l-artiklu speċjalment fejn tidħol il-ġenjoloġija ta' dan il-kompożitur u l-ħidma mużikali tiegħu ġewwa Bormla fis-seklu dsatax.